MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 382/2005

**Reuben Baldacchino (ID 233568M)**

**Vs**

**Jason Briffa**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm2,633.00), jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjughha u kkonsenjata, u liema oggetti gew ikkonsenjati lilu tul il-perjodu mid-19 ta' Novembru, 2004 sas-16 ta' Dicembru 2004.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterleppatorja datata 19 ta' Frar 2005 u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta’ Mejju, 2006, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------